MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 446/2010

**A B C**

**-vs-**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' C A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrenti A B C u l-intimata E E izzewgu fl-1 ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. ESG1;

Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkA serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-intimata qarrqet bir-rikorrent stante li zammet mistur il-problema tad-droga u kien biss wara z-zwieg li huwa skopra b'din il-problema;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-partijiet eskludew il-prolazzjoni tal-ulied;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-ewwel(1) ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, D E ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-partijiet f'din il-kawza zzewgu malajr u bil-mohbi meta lir-ragel, li hu ta' nazzjonalita' Egizzjana, kienet waslet biex tiskadilu l-Visa. Jirrizulta ukoll illi l-mara kienet soggetta ghall-vizzju tad-droga, liema vizzju hija hbiet minnu. Infatti, kien ga ghadda xi zmien meta nduna. Dan gara peress illi, wara z-zwieg, il-mara baqghet tghix mal-familja taghha u

r-ragA baqa' ghar-rasu. Ir-ragA issa jsostni li l-qerq perpetrat fuqu, minhabba f'hekk ghandu jkun ir-raguni ghalfejn jigi dikjarat vizzjat il-kunsens li ta ghaz-zwieg.

F'kuntest ta' qerq, il-Qorti, fil-kawza "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**", (deciza mill- Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu 1995) irriteniet hekk:

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkA serjament il-hajja mizzewga.*"

Fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma illi dawn il-kundizzjonijiet kollha jissussistu u l-ghalhekk il-vot tal-ligi jinsab pjenament sodisfatt. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti m'hijiex se tindaga oltre fir-rigward tal-kawzali l-ohra ravvisati.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Awissu tas-sena 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------